**Brincat Anna at Parlament-MT**

---

**From:** Claudio Grech [claudio.grech@gmail.com]
**Sent:** 11 October 2015 22:42
**To:** Jason Azzopardi
**Cc:** Brincat Anna at Parlament-MT; Farrugia Anglu at Parlament-MT
**Subject:** Ittra - Chairman PAC

Onor. Azzopardi, Chairman PAC

Qieghed niktiblek sabiex ninfurmak illi *in vist*a ta' dak li gie ppubblikat illum fil-gazzetta Maltatoday, nerga' nishaq bl-aktar mod qawwi li meta jien tajt ix-xhieda tieghi fil-Kumitat, dak li stqarrejt, stqarrejtu b'konvinzjoni, kien dak li skond il-memorja u fil-kuxjenza tieghi stajt niftakar u bl-ebda mod ma' ridt b'xi mod nizgwida jew nahbi xi informazzjoni.

L-emails imsemmija jmorru lura xejn anqas minn disa' snin f'perjodu li fir-rwol tieghi kelli volum kbir ta' xoghol tekniku u kumpless, agenda ta' aktar minn sittin laqgha fil-gimgha u kont nibghat u nircievi mal-mitt email kuljum li fuq medda ta' legizlatura jammontaw ghal aktar minn 180,000 email, li llum m'ghandix access ghalihom.

Inhossni frustrat hafna li nisforza kemm nisforza lili nnifsi ma' nistghax niftakar dak li gie ppubblikat. Izda madankollu nibqa' nishaq li m'huwiex facli li emails jew laqghat bla segwitu u importanza li sehhew tant zmien ilu jibqghu fil-memorja ta' bniedem. Huwa umanament impossibbli li tiftakar kull email jew kull inkontru specjalment jekk dawn la kienu ta' importanza barra n-normal u wisq anqas kellhom xi forma ta' segwitu.

Nerga' ntenni li x-xhieda tieghi tajtha skond il-memorja tieghi, ukoll minhabba li kif spjegajt fil-bidu ta' l-istqarrija tieghi m'ghad ghandi access ghal-ebda dokumentazzjoni jew records. Dik ix-xhieda tajtha b'konvinzjoni shiha u nerga' nikkonferma bl-aktar mod kategoriku li l-intenzjoni genwina tieghi kienet li naghti l-aktar informazzjoni relevanti u preciza biex il-Kumitat ikun jista' jasal ghall-konkluzjonijiet tieghu.

Jien nibqa' ghad-dispozizzjoni shiha tal-Kumitat jekk jixtieq li nerga' nidher quddiemu u nittama li dan l-ezercizzju jkun wiehed li huwa intiz biex tohrog il-verita dwar is-suggett li qed jigi diskuss u ghall-ebda raguni ohra.

**Claudio Grech**

cc. Onor. Anglu Farrugia, Speaker
Ms. Anna Brincat, Segretarja